



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12350/23

LIMITE

ENV 916
PECHE 315

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0298(NLE)**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 486 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fir-rigward tal-proposti ta' diversi Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 486 final.

Mehmuż: COM(2023) 486 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.8.2023
COM(2023) 486 final

2023/0298 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fir-rigward tal-proposti ta' diversi Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi ("il-Konvenzjoni") b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS)

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi għandha l-għan li tikkonserva l-ispeċijiet migratorji tal-art, tal-baħar u tal-ajru f'kull żona tad-distribuzzjoni tagħhom. Din tikkostitwixxi trattat intergovernattiv, konkluż taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li jikkonċerna l-konservazzjoni tal-organiżmi selvaġġi u tal-habitats fuq skala globali. L-ispeċijiet migratorji li għandhom jiġu kkonsevati huma elenkati fl-Appendiċijiet I (speċijiet fil-periklu) u II (speċijiet li għandhom ikunu s-soġġetti ta' ftehimiet) tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni¹. L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Il-Konferenza tal-Partijiet hija s-sede ewlenija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni. Il-funzjonijiet tagħha, li jinsabu fl-Artikolu VII tal-Konvenzjoni, jinkludu s-setgħat li tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji u, sussegwentement, li temenda l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni. Id-deċiżjonijiet meħuda f'laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet jesigū maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet li huma preżenti u li jivvotaw, ħlief fejn ikun previst mod ieħor mill-Konvenzjoni.

L-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet se ssir f'Samarkand (l-Użbekistan) kmieni fl-2024.

2.3. L-atti previsti tal-Konferenza tal-Partijiet

Waqt l-14-il laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet għandha tadotta deċiżjonijiet dwar l-emendar tal-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni ("l-atti previsti").

L-iskop tal-atti previsti huwa li jiġu emendati l-Appendiċi I u l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, kif previst fl-Artikolu XI tal-Konvenzjoni.

F'konformità mal-Artikolu III tal-Konvenzjoni, l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni għandu jelenka l-ispeċijiet migratorji fil-periklu u li għalihom il-Partijiet li huma Żoni tad-Distribuzzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati għandhom jagħmlu hlithom biex jieħdu diversi miżuri ta' konservazzjoni u għandhom jipprojbixxu t-teħid ta' annimali ta' tali speċijiet.

L-Artikolu IV tal-Konvenzjoni jistipula li l-Appendiċi II għandu jelenka l-ispeċijiet migratorji li għandhom stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli u li jeħtieġu ftehimiet internazzjonali għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tagħhom, kif ukoll dawk li għandhom stat ta'

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

konservazzjoni li kieku jibbenefika b'mod sinifikanti mill-kooperazzjoni internazzjonali li tista' tinkiseb bi ftehim internazzjonali. Skont kif jirrikjedu ċ-ċirkostanzi, speċi migratorja tista' tiġi elenkata kemm fl-Appendiċi I kif ukoll fl-Appendiċi II.

F'konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, kwalunkwe Parti tista' tressaq proposti għal emendi. Emenda għall-Appendiċijiet tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha disgħin jum wara l-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li fiha tiġi adottata, għajr għal dawk il-Partijiet li jesprimu xi riżerva.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Fir-rigward tal-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni, u f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1034 tat-22 ta' Mejju 2023², l-Unjoni pproponiet li temenda l-Konvenzjoni kif ġej:

emenda għall-Appendiċi I tal-Konvenzjoni biex tiġi inkluzja l-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali, *Phocoena phocoena*.

Partijiet oħra għall-Konvenzjoni ppreżentaw proposti għall-emendar tal-Appendiċi I biex dan jinkludi l-ispeċijiet u s-sottospeċijiet li ġejjin: *Lynx lynx balcanicus*, *Tursiops truncatus gephyreus*, *Pelecanus thagus*, *Pluvianellus socialis*, il-popolazzjoni tan-Nofsinhar tal-Afrika tal-Gypaetus *barbatus meridionalis* u tal-Carcharias *taurus*, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-Glaucostegus *cemiculus*, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-Aetomylaeus *bovinus*, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tar-Rhinoptera *marginata*.

Partijiet oħra għall-Konvenzjoni ppreżentaw proposti għall-emendar tal-Appendiċi II biex dan jinkludi l-ispeċijiet li ġejjin: *Lynx lynx*, *Felis manul*, *Lama guanicoe*, *Tursiops truncatus gephyreus*, *Pelecanus thagus*, *Carcharias taurus*, *Glaucostegus cemiculus*, *Aetomylaeus bovinus*, *Rhinoptera marginata*, *Brachyplatystoma rousseauxii*, *Brachyplatystoma vaillantii*.

Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jieħu deċizzjoni għall-fini tal-istabbiliment tal-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-kuntest tal-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-proposti kollha mressqa għal emendi.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposti kollha msemija hawn fuq minħabba li huma bbażati fuq ix-xjenza u huma konformi mal-impenn tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, inkluż il-konsiderazzjoni ta' kif isir l-aħjar użu mill-informazzjoni xjentifika li tikkonċerna kemm il-karatteristiċi bijoloġiċi kif ukoll il-punti ta' referenza bijoloġiċi tal-prodotti tas-sajd.

Iż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I jew II tal-Konvenzjoni, kif propost, ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni, ħlief għall-inklużjoni tal-Carcharias *taurus* fl-Appendiċi I, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-Aetomylaeus *bovinus* fl-Appendiċi I, u l-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tar-Rhinoptera *marginata* fl-Appendiċi I, peress li l-livell attwali ta' protezzjoni fl-Unjoni għal dawn l-ispeċijiet ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu III(5) tal-Konvenzjoni.

Il-linċi Ewrasjatika, l-ispeċi *Lynx lynx*, hija koperta mid-Direttiva tal-UE dwar il-Habitats³. Jenħtieġ li ż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi II u tas-sottospeċi *Lynx lynx balcanicus* fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tiġi appoġġata.

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1034 tat-22 ta' Mejju 2023 dwar is-sottomissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għal emenda tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi fil-kuntest tal-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (ĠU L 139, 26.5.2023, p. 47).

L-Unjoni mhijiex żona ta' distribuzzjoni tal-ispeċijiet u s-sottospeċijiet *Tursiops truncatus gephyreus*, *Pelecanus thagus*, *Pluvianellus socialis*, *Gypaetus barbatus meridionalis*, u b'hekk iż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet u s-sottospeċijiet fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni.

L-Unjoni mhijiex żona tad-distribuzzjoni tal-ispeċijiet *Felis manul*, *Lama guanicoe*, *Tursiops truncatus gephyreus*, *Pelecanus thagus*, u b'hekk iż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni ma tkun teħtieġ l-ebda azzjoni mill-Unjoni.

L-ispeċi *Glaucostegus cemiculus* hija strettament protetta skont il-Konvenzjoni ta' Barċellona⁴. Barra minn hekk, iż-żamma ta' din l-ispeċi abbord il-bastimenti tas-sajd hija pprojbita skont ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011⁵. Għalhekk jenħtieġ li ż-żieda ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni u ż-żieda tal-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran ta' din l-ispeċi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jiġu appoġġati.

L-ispeċijiet *Brachyplatystoma rousseauxii* u *Brachyplatystoma vaillantii* jinsabu fl-Unjoni fil-Guyana Franċiża biss, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura ma tapplikax. Jenħtieġ li ż-żieda ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni tiġi appoġġata.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett tal-“*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”⁶.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Konferenza tal-Partijiet hija sede stabbilita fi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi.

L-atti li l-Konferenza tal-Partijiet qed tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7-50).

⁴ Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran. (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44), il-verżjoni konsolidata tal-10/07/2019.

⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-protezzjoni ambjentali.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-atti tal-Konferenza tal-Partijiet se jemendaw l-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi, huwa xieraq li dawn jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġu adottati.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fir-rigward tal-proposti ta' diversi Partijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (il-“Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE⁷ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.
- (2) Skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-“Konferenza tal-Partijiet”) tista' tadotta deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, waqt l-14-il laqgħa tagħha kmieni fl-2024, għandha tadotta deċiżjonijiet biex l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni jiġu emendati.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, peress li d-deċiżjonijiet li jemendaw l-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) L-Unjoni ppreżentat proposta għall-inklużjoni tal-popolazzjoni tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali, *Phocoena phocoena*, fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposta tagħha stess. Din l-emenda proposta ma tkun teħtieġ l-ebda bidla fid-dritt tal-Unjoni.
- (6) Partijiet oħra ppreżentaw proposti fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispeċijiet jew tas-sottospeċijiet *Lynx lynx balcanicus*, *Tursiops truncatus gephyreus*, *Pelecanus thagus*, *Pluvianellus socialis*, il-popolazzjoni tan-Nofsinhar tal-Afrika tal-*Gypaetus barbatus meridionalis* u tal-*Carcharias taurus*, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-*Glaucostegus cemiculus*, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-*Aetomylaeus bovinus*, il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tar-*Rhinoptera marginata* fl-Appendiċi I u fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispeċijiet jew tas-sottospeċijiet *Lynx lynx*, *Felis manul*, *Lama guanicoe*, *Tursiops truncatus gephyreus*, *Pelecanus thagus*, *Carcharias taurus*, *Glaucostegus cemiculus*, *Aetomylaeus bovinus*, *Rhinoptera marginata*, *Brachyplatystoma rousseauxii*, *Brachyplatystoma vaillantii* fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

- (7) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposti kollha msemmin hawn fuq minħabba li huma bbażati fuq ix-xjenza, f'konformità mal-impenn tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità skont l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, u f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda fil-Konferenza tal-Partijiet għal dik il-Konvenzjoni.
- (8) Il-proposti biex jiġu inklużi l-ispeċi *Carcharias taurus* u l-popolazzjonijiet tal-Baħar Mediterran tal-*Aetomylaeus bovinus* u tar-*Rhinoptera marginata* fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni jkunu jeħtieġu bidla fid-dritt tal-Unjoni, peress li l-livell attwali ta' protezzjoni fl-Unjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu III(5) tal-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha ddaħħal riżerva skont l-Artikolu XI(6) tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-inklużjoni ta' dawn l-ispeċijiet fl-Appendiċi I.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun din li ġejja:

- (1) li tiġi appoġġata ż-żieda fl-Appendiċi I tal-ispeċijiet jew tas-sottospeċijiet li ġejjin:
- (1) *Lynx lynx balcanicus*
 - (2) *Pelecanus thagus*
 - (3) *Pluvianellus socialis*
 - (4) il-popolazzjoni tan-Nofsinhar tal-Afrika tal-*Gypaetus barbatus meridionalis*
 - (5) il-popolazzjoni tal-Baltiku Ċentrali tal-*Phocoena phocoena*
 - (6) *Tursiops truncatus gephyreus*
 - (7) il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-*Glaucostegus cemiculus*
- (2) li tiġi appoġġata ż-żieda fl-Appendiċi I tal-ispeċijiet li ġejjin, soġġett għal riżerva li ddaħħal il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni:
- (1) *Carcharias taurus*
 - (2) il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tal-*Aetomylaeus bovinus*
 - (3) il-popolazzjoni tal-Baħar Mediterran tar-*Rhinoptera marginata*
- (3) li tiġi appoġġata ż-żieda fl-Appendiċi II tal-ispeċijiet li ġejjin:
- (1) *Lynx lynx*
 - (2) *Felis manul*
 - (3) *Lama guanicoe*
 - (4) *Tursiops truncatus gephyreus*
 - (5) *Pelecanus thagus*
 - (6) *Carcharias taurus*
 - (7) *Glaucostegus cemiculus*
 - (8) *Aetomylaeus bovinus*
 - (9) *Rhinoptera marginata*

(10) *Brachyplatystoma rousseauxii*

(11) *Brachyplatystoma vaillantii*

Artikolu 2

Fid-dawl tal-iżviluppi waqt l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Animali Selvaggi, jista' jintlaħaq qbil dwar l-irfinar tal-pożizzjoni msemija fl-Artikolu 1, bejn ir-rappreżentanti tal-Unjoni b'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President